A.L. 183 ta' l-1993

ATT DWAR L-UFFIĊĊJU TAL-POSTA
(KAP. 254)

Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Posta Lokali (Emenda Nru. 7)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta, il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Posta Lokali (Emenda Nru. 7), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1985 dwar Posta Lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 35 ta' l-1985.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1994.

Jemenda r-regolament 31 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 31 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(1) Oġġetti postali mibgħuta fuq servizz tal-Gvern għandhom ikollhom indikazzjoni ta' l-organizzazzjoni minn fejn ikunu ġejjin, u l-ħlas ta' pustaġġ għandu jsir b'dik il-manjiera u suġġett għal kwalunkwe skonti u kundizzjonijiet kif mod ieħor provdut f'dawn ir-regolamenti u kif il-*Postmaster General* jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi.".

Jemenda r-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok il-paragrafu (11) tar-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"(11) Meta l-għadd ta' oġġetti postali li jkunu jikkonsistu f'karti stampati impustati f'daqqa jkun jeċċedi l-għadd ta' għaxart elef (10,000), il-*Postmaster General* jista' jawtorizza li dawk l-oġġetti postali jintbagħtu b'rata mnaqqsa b'għoxrin fil-mija (20%) tar-rata għal Karti Stampati:

Iżda d-dispożizzjoni ta' dan il-paragrafu tapplika biss jekk l-oġġetti postali msemmija jkunu ppreżentati għall-impustar magħżula skond il-Kodiċi Postali jew skond il-belt jew raħal indikat fuq l-indirizz.

Iżda wkoll il-*Postmaster General* jista' jagħti skonti ta' pustaġġ ta' mhux aktar minn għoxrin fil-mija (20%) tar-rata ta' pustaġġ ta' kategoriji oħra ta' oġġetti postali jekk dawn ikunu impustati f'ħin wieħed u jkunu iżjed minn għaxart elef (10,000) jekk dawn ikunu magħżula skond il-Kodiċi Postali jew skond il-belt jew raħal indikat fuq l-indirizz.

(12) Il-*Postmaster General* jista' jirrakkomanda lill-Ministru biex jingħataw skonti oħra fuq rati ta' pustaġġ għall-kategoriji kollha ta' oġġetti postali li jkunu mpustati f'ħin wieħed u li jkunu iżjed minn mitt elef (100,000) jekk dawn ikunu magħżula skond il-Kodiċi Postali jew skond il-belt jew raħal indikat fuq l-indirizz.".